FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 9 ta' Marzu, 2001**

**Numru 16**

**Avviz. numru 1882/00JR**

**Reno Agius**

**vs**

**Raymond Debattista**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-13 ta' Novembru, 2000, fejn intalab il-hlas ta' tlieta u disghin lira Maltija u hames centezmi (Lm93.05) rapprezentanti id-danni sofferti mill-attur kawza tal-hamiem li qiegħed irabbi l-konvenut.

Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fl-4 ta' Dicembru, 2000, fejn intqal illi t-talbiet kif kontenuti fl-avviz huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez peress illi l-eccipjent mhuwiex responsabbli ghad-danni li allegatament

sofra l-attur.

Semgha x-xhieda ta' Reno Agius, Joseph Palmier u Raymond Debattista. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ikkunsidra:

1. L-attur, li jirrisjedi fi Triq Nazzareno, Hamrun, qed jirreklama danni allegatament kagunati mill-hamiem tal-konvenut.

2. Jirrizulta li l-bejt tal-fond ta' l-attur imiss mal-bejt tal-konvenut, u li l-konvenut kellu l-hamiem, "racing pigeons", maghluqin f'gageg fuq il-bejt. Dak iz-zmien jidher li l-konvenut kellu xi ghoxrin hamiema. Illum mghandux hamiem. Skond il-konvenut ftit il-boghod minnhu hemm wiehed li ghandu xi mitejn hamiema.

3. Id-danni reklamati huma minhabba li l-hamiem kienu ihammgu l-hwejjeg u l-bejt ta' l-attur. L-attur qed jirreklama z-zebgha biex irranga fejn hammgu, kif ukoll spejjez ta' medicinali ghall-ibnu li ha infezzjoni mill-hamiem, u ghall-"pest control". Joseph Palmier xehed li kien ghamel xoghol ta' "pest control" fil-fond ta' l-attur fil-25 ta' Mejju, 2000.

4. Jirrizulta li xi hamiem kien ibejjet fil-ventilatur tal-kamra ta' l-attur, u hamiema kienet mietet hemm u bdiet tiddikomponi. L-attur kien irrapporta ghand il-Pulizija. Skond Palmier, meta fetah il-ventilatur sabu mimli brijad, u dawn kienu ma kullimkien, u kellu jaffumiga il-kamra. Pero` il-konvenut xehed li lilhu qatt ma naqsulu hamiem.

5. Jirrizulta li f'dawk l-inhawi hemm hafna hamiem selvagg. L-attur spjega li ma kienx f'posizzjoni li jaghraf il-hamiem tal-konvenut minn hamiem iehor.

6. Ghalhekk ma jidhirx pruvat illi l-hamiema l-mejta kienet tal-konvenut, kif allegat, u wisq anqas jirrizulta li kienu l-hamiem tal-konvenut li kkawzaw id-danni reklamati. Jidher li l-konvenut kien jiehu kura sew tal-hamiem tieghu, li wiehed jissottolinja, ma kienux hamiem normali, izda "racing pigeons".

7. It-Tribunal innota li tassew ghandu fuq x'hiex jilmenta l-attur, u li hu kompletament gustifikat fl-ilmenti tieghu, ghax kien hemm hamiem li hamgulu, u li wkoll ikkawzaw il-mard f'ibnu, kif jirrizulta ampjament mid-dokumenti esebiti, pero` it-Tribunal ma sab ebda bazi biex jikkonkludi li dawn kienu l-hamiem tal-konvenut. Fic-cirkostanzi jidher li l-inkwiet kollu gej mill-hamiem selvagg.

Ghaldaqstant it-Tribunal peress illi t-talba attrici ma tirrizultax pruvata qed jichad it-talba bl-ispejjez kontra l-attur.

1882/00

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**